# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 1401/99mm**

**Pupulio Attard u wliedu Ganni, Marija mart Felic Calleja, Marija Dolores u Carmen u Guzeppi ahwa Attard u l-istess Guzeppi Attard bhala mandatarju ta' ohtu assenti Elena Borg**

**vs**

**John u Janet konjugi Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fid-29 ta' Settembru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' Lm997 rappresentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom konsenjati mill-mejjet Vincent Attard.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra nterpellatorja tat-3 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-

prezentata ta' l-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti jecepixxu bir-rispett illi t-talbiet tal-atturi huma preskritti u dana ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom bhala werrieta tal-mejjet Vincent Attard.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti ma' ghandhom ihallsu ebda flus kif allegat mill-atturi ghall-vjaggi ta' gebel lilhom konsenjat mill-mejjet Vincent Attard.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti giet deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju 2000 liema sentenza

saret definittiva u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti terga' tidhol fiha.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi li kien hemm relazzjoni kummercjali bejn Vincent Attard u l-konvenuti liema relazzjoni kienet tinvolvi garr u konsenja ta'  gebel bid-diversi rati kif jidhru mid-dokumenti illi hemm esebiti f'dawn l-atti. F'dawn id-dokumenti hemm indikat l-isem ta' Ganni is-Suta. Dana huwa l-konvenut kif ammetta huwa stess fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2001. L-atturi minn nahha taghhom esebew id-dokumenti minn fejn irrizulta l-ammont illi huma qieghdin jitolbu minghand il-konvenuti. Il-konvenut minn nahha l-ohra ma gab l-ebda dokument jew ircevuta ta' xejn, allura la huwa kien qed jecepixxi l-pagament kien kompitu tieghu li jipprova illi dan il-pagament fil-fatt sar. Il-konvenut spjega li kull meta kien ihallas vjagg ma kienx jinghata rcevuta izda kien iqatta l-karti kollha illi kien ikun hemm bejniethom cioe' bejn Vincent Attard u John Pisani. Jidher pero' li kien hemm xi partita  jew konsenja illi ma gietx imhallsa u dina tidher ahjar kemm fil-librett li hemm esebit a fol 23 tal-process kif ukoll ghad-dokument illi hemm a fol 22 tal-process illi gie spjegat tajjeb mill-attur.

Il-Qorti jidhrilha illi l-atturi gabu provi bizzejjed biex jiggustifikaw it-talba taghhom u l-konvenuti ma ghandhomx alternattiva ohra hlief li jhallsu dan l-ammont illi hemm indikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu s-somma ta' disgha mija sebgha u disghin lira (Lm997) rappresentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom ikkonsenjati mill-mejjet Vincent Attard. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg